MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 204/2008

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet izzewgu fit-2 ta’ Awwissu 1990; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d], u dak ta’ l-attur fit-termini tal-paragrafu [a] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Ligijiet ta’ Malta; ghalhekk l-attur qed jitlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null;

Rat ir-risposta guramentata li permezz taghha l-konvenuta ddikjarat li kienet qed topponi ghat-talba ta’ l-attur; izda permezz ta’ verbal registrat minnha fl-udjenza tat-28 ta’

Ottubru 2010[1], il-konvenuta "iddikjarat li qed taderixxi mat-talba ta' l-attur.";

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-2 ta' Awwissu 1990 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha taghha l-konvenuta, fil-mori tal-proceduri, iddikjarat li hi taderixxi mat-talba attrici.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Awwissu 1990, meta allura l-konvenuta kellha hames xhur tqala, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin <u>ghaxar [10] xhur</u>; f' dan iz-zmien l-attur kien jahdem fuq ir-riggijiet taz-zejt u kien jaghmel Malta hmistax-il gurnata alternattivament. Fis-16 ta' Dicembru 1990 twieled it-tifel Etienne. Wara konvivenza ta' circa ghaxar [10] snin, li matulhom l-attur kien ghamel zmien jahdem fuq ir-riggijiet taz-zejt, il-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Attur*
L-attur jghid li wara ftit li hu u l-konvenuta bdew johrogu flimkien hi skopriet f' Marzu li kienet nqabdet tqila, avolja kienet tghidlu li kienet fuq il-pillola kontracettiva. Ma' din l-ahbar, hi kienet qaltlu wkoll li "jew nizzewgu jew immur Sqallija naghmel abortion, u that would be it, u jien qisni gejt b' idejja marbutin"[2] ghax l-attur ried li t-tifel jitwieled. Huwa accetta li jizzewgu, u fil-fatt f' Awwissu zzewgu meta ma kienx ghad kellhom post fejn joqghodu, u meta l-

[1] Fol.92
[2] Fol.94

genituri taghhom kienu ghadhom lanqas jafu bit-tqala tal-konvenuta.

L-attur jghid li mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali l-konvenuta kienet tiffisa li hu kien qed ikun infidil lejha, u wkoll li kien jara l-pornografija.  Jghid li kienet tghir hafna, u kienet takkuzah kontinwament b' dan.

Jghid li wara t-twelid tat-tifel il-konvenuta kienet riluttanti ghall-att taz-zwieg, u kienet tinsisti li t-tifel jorqod fis-sodda matrimonjali maghhom.  Di fatti huwa jghid li fi tnax-il sena qatt ma raqdu wahedhom bhala koppja mizzewga, ghax it-tifel “ghamel tmien [8] snin jorqod maghna, u erba' [4] snin il-mara torqod mat-tifel.”[3]

Jghid li wara t-twelid tat-tifel il-konvenuta kompliet tiehu l-pillola kontracettiva, u li hi ma riditx “b' sahha”[4] li jkollhom it-tieni wild, ghax, skond hi, il-finanzi taghhom ma kienux jippermettu dan.

L-attur jilmenta mill-fatt li l-konvenuta ma kinitx taf tamministra l-finanzi tad-dar, u, nonostante li hu kien jahdem hafna u kellhu ntrojtu tajjeb, kienet tghid li l-flus ma kienux iservuha.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta, tikkonferma li hi kienet inqabdet tqila fi zmien qasir li kienu ilhom johorgu flimkien, u li ma riditx tghid lill-genituri taghha dwar it-tqala biex ma tkomplix taggrava s-sitwazzjoni hazina li kienet tezizti f' dak iz-zmien bejn il-genituri taghha.  Tikkonferma li l-partijiet kienu ddecidew li jizzewgu, minkejja li ma kellhomx post taghhom fejn joqghodu, izda tichad dak allegat mill-attur li hi kienet hedditu li taghmel abort jekk ma jaccettax li jizzewweg.

Il-konvenuta tispjega li, kemm fi zmien l-gherusija, kif ukoll tul il-konvivenza matrimonjali hija kienet tiehu l-pillola kontracettiva, u anke l-attur minn naha tieghu kien ukoll

[3] Fol.102
[4] Fol.104

joqghod attent, biex ma tinqabadx tqila, ghax ma riditx li jkollha wild iehor. Hi tispjega li, fi zmien xahar miz-zwieg, skopriet li l-attur kien jara l-pornografija, u li biz-zmien ndunat li dan kellu addiction f’ dan ir-rigward. Dan kien jaffettwaha emozzjonalment b’ mod negattiv, u tispjega: “Ghax jien peress li kont narah ma jfittixnix u jifittex hafna l-pornografija, joqghod fuq is-sufan il-lejl kollu u jinqeda wahdu, bdejt nitqazzu, bdejt nimbuttah minni, ma ridtx izjed tfal minnu …. Kien kwazi addict taghha.”[5]

Il-konvenuta tikkonferma li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu rari. Tghid li gieghli kienet tavvicinah hi, izda hu kien jippreferi jibqa’ jara t-televixion. Tammetti pero’ li sa ma kellu sitt snin it-tifel hija kienet tinsisti li dan jorqod fis-soddda matrimonjali maghhom, u kien wara li l-attur “beda jiccalingjani” li rrangat kamra biex jorqod fiha t-tifel.

Il-konvenuta tghid li l-attur kien ihalliha nieqsa mill-flus, tant li kienet ta’ spiss iddur fuq missierha ghal htigijiet li jirrigwardaw lit-tifel.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car li dan iz-zwieg kien non-starter. Il-partijiet kienu zzewgu unikament minhabba t-tqala tal-konvenuta, meta huma ma kienux ghadhom jafu lil xulxin. Minn naha wahda, is-sitwazzjoni ta’ l-attur li wara hames xhur johrog ma’ tfajla din qaltlu li kienet harget tqila, u minn naha l-ohra, is-sitwazzjoni tal-konvenuta li ma riditx taggrava s-sitwazzjoni ferma hazina fid-dar tal-genituri taghha bl-ahbar tat-tqala taghha – wassal lill-partijiet sabiex jiehdu decizjoni fl-ghama li jinghaqdu ghall-hajjithom fiz-zwieg.

Di fatti wara z-zwieg bdew hiergin id-differenzi ta’ bejniethom, b’ mod li l-konvivenza matrimonjali kienet kwazi mill-bidunett imxaqqa b’ diskordju kontinwi bejniethom.

[5] Fol.127

Illi l-partijiet ghamlu akkuzi fil-konfront ta' xulxin, izda dawn gew michuda, pero' il-provi juru li, ghalkemm huma damu xi zmien jikkonvivu flimkien, jirrizulta li dawn kienu nkapaci li jezegwixxu obbligi matrimonjali essenzjali ghaz-zwieg, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura, fil-konfront taz-zewg partijiet, il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu fuq citat, peress li mad-decizjoni taz-zwieg u fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet ma gharrfux l-import tal-hajja konjugali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Awwissu 1990. Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------